MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 756/2011

Dr. Marco **SAMMUT** u Carmen Farruġia

vs

**DI NATURA LIMITED** (C – 45057)

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq talba magħmula mill-atturi b’rikors tagħhom tal-24 ta’ Ottubru, 2012[1], li bih u għar-raġunijiet hemm minnhom imfissra, talbu li jitħallew isejħu fil-kawża lill-kumpannija D&G Projects Limited;

[1] Paġġ. 118 sa 124 tal-proċess

Illi għal din it-talba l-kumpannija mħarrka laqgħet billi, għar-raġunijiet imsemmija fit-tweġiba mressqa minnha fis-17 ta’ Diċembru, 2012[2], qalet li t-talba m’għandhiex tintlaqa’ u lanqas ma jkun sewwa li tintlaqa’;

Illi l-kawża tinsab fil-fażi tat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka li tgħid li m’hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

Illi l-kumpannija mħarrka tisħaq li dak li jridu l-atturi hu li jsewwu l-iżball li għamlu meta ħarrku lil persuna b’oħra billi jdaħħlu fil-kawża lil min messu kien imħarrek sewwa mill-ewwel;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jgħidu li ma kienx qabel ma tressqu l-provi min-naħa tal-kumpannija mħarrka li huma setgħu jsiru jafu tassew ma’ min kienu innegozjaw;

Illi huwa magħruf li biex il-Qorti tilqa’ talba għal sejħa fil-kawża ta’ terzi jeħtieġ jintwera li jkunu jeżistu l-elementi mitluba mid-duttrina l-iżjed stabilita f’dan ir-rigward. Is-sejħa fil-kawża ta’ terza persuna waqt li l-kawża tkun miexja bejn partijiet oħrajn hija regolata fil-liġi tal-proċedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dak l-artikolu jgħid li tali sejħa tista’ ssir kemm fuq talba ta’ xi waħda mill-partijiet u kif ukoll, mingħajr dik it-talba, mill-Qorti nnifisha jekk jidhrilha li huwa xieraq li dan isir[3];

Illi l-prinċipju ewlieni li għandu jitqies huwa li l-imsejjaħ fil-kawża, b’differenza minn dak li jkun indaħal fil-kawża minn rajh *in statu et terminis*, jitqies bħallikieku kien imħarrek u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza mogħtija f’dik il-kawża jista’ jinħeles jew jiġi kundannat daqslikieku l-kawża inħarġet mill-bidunett kontrih;

Illi s-sejħa fil-kawża, jew kif kien magħruf fl-imgħoddi, l-intervent koatt (biex jintgħaraf mill-intervent volontarju li għalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), għandha l-għan li

[2] Paġġ. 130 – 3 tal-proċess
[3] Ara per eżempju P.A. JSP **4.5.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Depasquale noe vs David Jones***;

tevita li jkun hemm għadd ta' kawżi fuq l-istess mertu meta dawk il-persuni jistgħu jitqiegħdu f'ġudizzju wieħed li jikkonsidra l-qagħda rispettiva tagħhom[4]. Huwa essenzjali, għalhekk, li persuna msejħa fil-kawża jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta' l-istitut tas-sejħa fil-kawża joħroġ mill-kunċett fondamentali ta' interess tal-parti li toqgħod f'ġudizzju;

Illi l-interess li jsejjes is-sejħa fil-kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, mhux neċessarjament fis-sens li l-imsejjaħ fil-kawża jkun kundannat jew meħlus, imma fis-sens li jsostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-imħarrek, jew saħansitra tiegħu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet[5]. Imma, fi kwalunkwe każ, l-interess tal-imsejjaħ fil-kawża għandu jkun ta' livell bħal dak imfisser minn ħafna sentenzi tagħna bħala l-interess ġuridiku li għandu jkollha parti fil-kawża. Fil-każ preżenti, dan l-interess li jrid jintwera għandu jkun l-interess ta' persuna mħarrka;

Illi, kif ingħad, il-Qrati tagħna stabilew regoli li dwarhom is-sejħa fil-kawża jmissha tiġi meqjusa, u, b'mod partikolari, f'liema ċirkostanzi għandha tintlaqa' talba għal tali sejħa u, b'mod iżjed siewi, meta m'għandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa' talba bħal din;

Illi l-Qorti għandha tordna s-sejħa fil-kawża jekk il-persuna li tagħha tintalab din is-sejħa jkollha dak l-interess li huwa meħtieġ mil-liġi f'persuna biex minnu tista' tiġi proposta azzjoni jew biex tiġi opposta kontestazzjoni[6]. Madankollu, s-sejħa fil-kawża m'għandhiex tintuża biex jidħlu fil-kawża persuni li, għalkemm għandhom l-interess meħtieġ, jiddaħħlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt ġew imħarrkin, jew ikunu ġew imħarrkin ħażin[7];

Illi għalkemm normalment is-sejħa fil-kawża ssir mill-parti mħarrka, kif jidher mill-artikolu tal-liġi fuq imsemmi, din it-

---

[4] Ara per eżempju, App. Ċiv. **23.11.1898** fil-kawża fl-ismijiet ***Stepton vs Spiteri*** (Kollez. Vol: **XVI.i.117)**;

[5] Ara App. Ċiv **27.1.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Azzopardi et noe vs Calcedonio sive Donald Attard et***

[6] P.A. **29.10.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Libreri vs Staines noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.706**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

[7] P.A. **6.2.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Magri*** (Kollez. Vol: **XLVI.ii.561**) u l-bosta sentenzi hemm imsemmija; u App. Kumm. **19.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***P. Wismayer et vs C. Wismayer et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.955**)

talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetaħ il-kawża. Tista' ssir ukoll mill-Qorti *ex ufficio*, iżda qatt minn u fuq talba tal-imsejjaħ innifsu[8]. Għal xi żmien kien jingħad li ma għandhiex tintlaqa' talba għas-sejħa fil-kawża min-naħa tal-attur meta dan seta' jew suppost li kien jaf bl-eżistenza jew l-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa messu ħarrek sa mill-bidu[9]. Iżda llum jidher li t-tifsira vera ta' dan il-punt tħares iżjed lejn il-kwestjoni tal-interess ġuridiku tal-imsejjaħ milli lejn l-għarfien jew le tal-attur (qabel ma bdiet il-kawża) dwar kull min seta' kellu interess[10]: u dan dejjem bil-kawtela li l-istess sejħa fil-kawża ma tintużax biex jiddaħħal fil-kawża mħarrek ieħor flimkien mal-imħarrek oriġinali li ma messu tħarrek qatt[11];

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm is-sottomissjonijiet magħmula mill-atturi huma kollha tajba u jfissru sewwa l-għanijiet tal-istitut tas-sejħa fil-kawża, madankollu, t-talba tagħhom saret qabel waqtha, għaliex din il-Qorti trid qabel kollox tqis jekk kemm-il darba l-kumpannija mħarrka hijiex tassew il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

Illi jekk kemm-il darba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-istess kumpannija mħarrka, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa biex tipprovdi dwar is-sejħa fil-kawża mitluba, u s-sejħa fil-kawża jirriżulta li tkun saret biex "tissana" proċediment li jkun inbeda kontra l-persuna l-ħażina;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad f'dan l-istadju tal-kawża t-talba tal-atturi għas-sejħa fil-kawża tal-kumpannija D & G Projects Limited;

Mogħti llum, it-Tlieta, 22 ta' Jannar, 2013.

---

[8] App. Ċiv. **11.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***

[9] App. Ċiv.: **14.1.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Captur vs Feliċe*** (Kollez. Vol: **XXX.i.1**) u s-sentenzi hemm imsemmijin;

[10] Ara P.A. JSP **16.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ripard et vs Onor. Prim Imħallef Carmelo Schembri et*** u s-sentenzi hemm imsemmija;

[11] App. Ċiv. **26.4.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Vinċenzina Cassar vs Anthony Vella*** u s-sentenzi hemm imsemmija; u P.A. (Kost.) NC **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bellizzi et vs Awtorita' Marittima ta' Malta et***. (*in parte*)

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------